MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2002

Numru 91/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna u
l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-Ispettur
Sandro Zarb)**

**vs**

**Mhurad Grera Milad, Omar Ali Emshiheet u Abdalla Mussa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputati:

Mhurad Grera Milad, ta' 22 sena, imwieled Tripoli, Libja f'Mejju 1980, bin Grera u Aisha, residenti f'indirizz mhux maghruf u detentur ta' passaport mhux maghruf;

Omar Ali Emshiheet ta’ 22 sena, imwieled Benghazi, Libja fl-20 ta’ Marzu 1980, bin Ali u Nejma, residenti Toarmina Hotel, Gzira, detentur ta’ passaport numru 716642;

Abdalla Mussa ta’ 21 sena, imwieled Tobruk, Libja, residenti Toarmina Hotel u detentur tal-Passaport numru 472214;

Akkuzati illi nhar it-3 ta’ Frar 2002 gewwa Triq Wilga, San Giljan ghal habta ta’ l-4.30p.m. kisru l-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai termini ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-akkuza kontra l-imputat Mhurad Grera Milad wahdu:

Akkuzat talli fl-istess hinijiet u taht l-istess cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Abdalla Mussa, skond kif iccertifika Dr. Mikazinovic u dan ai termini ta’ l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli taht l-istess cirkostanzi kellu fuqu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini ta’ l-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-akkuzi kontra Mhurad Grera Milad u Abdalla Mussa talli minghajr ma nghataw permess ta’ residenza nizlu l-art jew kienu f’Malta minghajr permess ta’ l-ufficjali Principali ta’ l-Immigrazzjoni jew irrendew ruhhom immigranti ipprojbiti bi ksur ta’ l-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-akkuzi kontra t-tlett imputati f’daqqa illi ma ghandhomx mezzi sabiex imantnu lilhom infushom u jistghu jkunu ta’ spiza addebita lill-fond pubbliku.

Semghet it-talba tal-prosekuzzjoni li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuni bhala immigranti ipprojbiti u tohrog Ordni ta’ tnehhija kontra taghhom a tenur ta’ l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputati jwiegbu li huma hatja.

Rat l-atti  u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Wara li semghet l-ammessjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati;

Wara li rat l-Artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 217;

Issibhom hatja u tikkundannahom:

Tliet (3) xhur prigunerija, liema prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul sena millum ma jikkommettix reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna hrug ta’ Ordni ta’ Tnehhija minn dawn il-Gzejjer kontra l-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------